**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis, 16 ta' Lulju 2020**

Numru 4

**Rikors Guramentat Nru. 611/2017**

**Federated Association of Travel and Tourism Agents (FATTA)**

**vs**

**Swiss International Air Lines Ltd. u**
**International Air Transport Association**
**ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

Dan hu provvediment wara cirkostanzi ftit strambi li sehhew f'din il-kawza. Il-Federazzjoni attrici, wara sentenza preliminari tal-Qorti tas-27 ta' Gunju 2019, b'nota tas-16 ta' Jannar 2020 cediet il-kawza b'dan li tkun minghajr taxxa. Fil-21 ta' Jannar 2020 il-Qorti b'verbal fil-kawza waqfet milli tkompli tiehu konjizzjoni tal-kawza. Fl-istess jum il-konvenuta IATA ipprezentat rikors fejn talbet li qatt ma ftehmet mal-Federazzjoni attrici fuq l-ispejjez tal-kawza u talbet ir-riappuntament biex il-kawza titkompla fuq il-kap tal-ispejjez. B'nota tat-12 ta' Frar 2020 il-Federazzjoni attrici dahlet nota ohra fejn iddikjarat li qed iccedi l-kawza biss fil-konfront tal-konvenuti l-ohra bl-eccezzjoni fil-konfront tal-IATA.

Il-provvediment tallum jirrigwarda l-portata taz-zewg noti ta' cessjoni u l-effett li ghandhom fuq il-kontinwazzjoni tal-procediment.

Il-Federazzjoni attrici qed issostni illi t-tieni nota ta' cessjoni ikkancellat l-ewwel nota u ghalhekk fin-nuqqas ta' qbil fuq l-ispejjez tal-kawza mal-konvenuta IATA, il-kawza giet ceduta fil-konfront tal-konvenuti l-ohra izda baqghet shiha anki fuq il-mertu fil-konfront tal-IATA.

Illi, qabel xejn, irid jinghad li, bhala principju, l-artikolu 906(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti l-jedd lil kull wahda mill-partijiet li, f'kull waqt tal-kawza sal-ghoti tas-sentenza, tirrinunzja b'nota ghall-atti li hija tkun ressqet f'dik il-kawza. Il-ligi trid (art. 907(2) tal-Kap. 12), madankollu, li meta jigri hekk, il-parti li tirrinunzja ghall-atti thallas l-ispejjez tal-kawza u ma tistax tibda kawza ohra dwar l-istess haga qabel ma tkun hallset dawk l-ispejjez lill-parti l-ohra. Sakemm ir-rinunzja tkun wahda minghajr kundizzjonijiet, il-parti l-ohra ma tistax tirrifjutaha (art. 908 tal-Kap. 12).

Illi c-cessjoni ta' kawza hija wahda mill-ghamliet ta' rinunzja ghall-atti (**Sebastian Brincat et vs Antonio Mifsud et**, PA 28/02/2001), u tibda ssehh hekk kif issir fil-forma li tippreskrivi l-ligi u, ladarba tkun saret, ma tistax tithassar jew tingibed lura (**Kummissarju tal-Artijiet vs Paul Apap noe** (mhix pubblikata), PA 23/01/1998) minhabba li r-rinunzja toqtol – sal-limiti li fiha tkun saret – il-mixi 'l quddiem tal-process gudizzjarju (**HSBC Bank (Malta) Limited vs Teg Industries Ltd.**, PA 29/11/2001).

Illi r-rizervi maghmula f'nota ta' cessjoni jew rinunzja (bhal, per ezempju, "biex l-esponenti jirregola ruhu ahjar" jew "bla pregudizzju ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-esponenti") ma jaghmlux tali rinunzja wahda kundizzjonata (**Borg vs Mirasole**, App 05/04/1954, Kollez. Vol: XXXVIII.i.137), u l-parti l-ohra ma tistax tirroftaha. Inghad li r-"ratio" ta' dan l-ordinament maghzul mil-ligi taghna hu li hekk kif jiddependi millattur jistitwix il-gudizzju jew le, hekk ukoll minnu stess jiddependi jekk iridx ikomplih jew iwaqqfu f'kull waqt tal-kawza (**Zammit et vs Agius et**, App 08/05/1967, Kollez. Vol: LI.i.584).

Illi fil-kaz li l-Qorti ghandha quddiemha, l-attrici bl-ewwel nota cediet il-mertu, imma b'kundizzjoni, cioe li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bl taxxa.

Hi l-fehma tal-Qorti illi l-kondizzjoni dwar il-kap tal-ispejjez bl-ebda mod ma naqqas mill-effetti legali li maghha gabet ir-rinunzja tal-mertu tal-azzjoni fl-ewwel nota. Il-kundizzjoni ma kinitx intiza bhala xi kundizzjoni ghac-cessjoni tal-mertu fis-sens ta' riserva ghall-azzjoni gdida jew biex tirregola ruhha ahjar, izda ghall-effetti konsegwenzjali limitati dwar min ser ibati l-ispejjez. La darba l-ftehim dwar l-ispejjez tal-kawza ma kienx jirrizulta, allura din il-Qorti trid bil-fors tqis mill-atti tal-kawza min ghandu jbati l-ispejjez irrispettivament u bla ma jkun mittiefes ic-cessjoni tal-mertu innifsu. Ic-cessjoni tal-mertu darba li sar hu irrevokabbli ghal min jaghmilha u l-parti li fil-konfront taghha saret ma tistax tirrifjutaha. Altrimenti jintilef l-iskop wara l-artikolu 906 tal-Kap. 12.

**Decide**

Ghal dawn ir-raguni l-Qorti ser tqis biss f'dan l-istadju minn ghandu jbati l-ispejjez tal-kawza fuq l-atti processwali u tqis il-procediment fil-mertu bhala ezawrit. Spejjez riservati.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur